# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Ottubru, 2019.**

**Numru 14**

**Rikors numru 2/15 AL**

**Claire Pisani**

**v.**

**Joseph Pisani**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-23 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili, b'effett mill-jum li s-sentenza appellata tghaddi

f'gudikat bl-ispejjez rizervati ghal gudizzju finali; ordnat ukoll li l-attrici a spejjez taghha tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti għandha quddiemha talba mressqa mill-attriċi Claire Pisani sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili. L-intimat jopponi għaliex isostni li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju, huwa ser ikun ippreġudikat b'mod sproporzjonat.
>
> "Il-Qorti rat id-dokumenti bankarji[1] esebiti u minn eżami *prima facie* jirriżulta li hemm diversi entrati ta' ħruġ mill-kontijiet versu entitajiet ta' gaming bħalma huma bwin.com u Betfair. Dawn l-entrati mhumiex ta' darba kultant iżda huma pjuttost regolari u spissi. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimat huwa vvizzjat bil-logħob tal-ażżard tirriżulta veritiera. Fil-fatt, fir-risposta tiegħu, fil-waqt illi l-intimat jiċħad illi huwa qed jakkumula xi dejn fuq isem martu, ma jiċħadx l-allegazzjoni tagħha illi huwa għandu l-vizzju tal-logħob tal-ażżard.
>
> "Eżaminat ukoll l-allegazzjoni mressqa mill-intimat u cioe li r-rikorrenti qabel ma ntavolat il-proċeduri tas-separazzjoni personali żbankat somom kbar ta' flus. Illi dana ma jirriżultax mill-istess dokumenti. Pjuttost jidher li l-iżbanki konsiderevoli li saru kienu sabiex jiġu ddepożitati l-Qorti in sewgitu għal xi mandati ta' sekwestru intavolati fil-konfront tal-partijiet anke minn terzi persuni u/jew entitajiet.
>
> "PRINĊIPJI LEGALI: LIĠI U ĠURISPRUDENZA
>
> "Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. Dana jistipula:

[1] Dokumenti esebiti minn Joseph Caruana rappreżentant ta' **Banif Bank (Malta) plc**, Joanna Bartolo rappreżentanti ta' **Bank of Valletta plc** u Audrey Ghigo rappreżentanta ta' **HSBC Bank (Malta) plc** fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia nhar it-8 t'April 2016, fol. 277 et seq.

> ***"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

"Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jistipula:

> ***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar[2].

"Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

"Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[3] il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- *"In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

"Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra. Dan il-preġudizzju mhux proporzjonat, oltre li għandu jkun ippruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tiżvija mir-regola ġenerali u tabbraċċja l-eċċezzjoni.

---

[2] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru. 212/2009/2 RGM)

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

"APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI FIL-KAŻ ODJERN

"In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oġġezzjonijiet sollevati mill-intimat 1) humiex relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55, 2) humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-konjuġi Pisani.

"Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-oġġezzjonijiet imressqa mill-intimat għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju. Hija tal-fehma illi l-allegazzjoni li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' raġel ieħor u kien għalhekk li telqet mid-dar matrimonjali, fil-waqt li jista' jkollha relevanza kbira f'dak li jirrigwarda l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet, hija għal kollox irrelevanti għall-finijiet tal-artikolu 55(4) ġja ċċitat u għalhekk l-istess oġġezzjoni qiegħda tiġi skartata minn din il-Qorti, ai fini tar-rikors odjern. Il-kwistjoni jekk xi ħadd mill-partijiet wettaqx adulterju fil-konfront tal-konjuġi l-ieħor tiġi eżaminata minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha meta titratta r-responsabilita' għat-tkissir taż-żwieġ.

"Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-oġġezzjonijiet l-oħra tal-intimat huma relevanti ai fini tat-talba odjerna stante li jikkonsistu f'argomenti relatati direttament mal-komunjoni tal-akkwisti u mhux mad-diversi lanjanzi oħra eżistenti bejn il-partijiet. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina jekk l-istess oġġezzjonijiet jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

"Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegat żbank tal-flus tal-komunjoni tal-akkwisti mill-kontijiet bankarji tal-partijiet, kif diġa intqal, din l-allegazzjoni *prima facie* ma tidhirx li hija veritiera. Fi kwalunkwe każ, din il-biża tal-intimat tista' tiġi indirizzata bir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-dispożizzjoni tiegħu. L-istess raġunament japplika wkoll għal dak li jallega l-intimat dwar il-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti ossija l-għamara. Kif intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Lowell vs. Lowell[4], *"Appena huwa neċessarju jingħad illi l-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent dwar fondi li allegatament żamm moħbija minnha mhux ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinżammu marbutin b'reġim ta' komunjoni tal-akkwisti iżda billi tieħu dawk ir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-disposizzjoni tagħha".*

"Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Josephine Mifsud vs. Mario Mifsud[5] fejn il-Qorti rriteniet illi l-biża li bit-terminazzjoni tal-komunjoni, l-konvenut ser ikun jista' aktar faċilment jaħbi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti *"ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat. Il-biża' tal-attriċi jista' jiġi indirizzat b'atti kawtelatorji li hija għandha għad-disposizzjoni tagħha. Il-kawża ilha pendenti mis-*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rikors Numru 139/12 RGM)
[5] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru, 2014 (Rikors Numru. 133/2012/3RGM)

*sena 2012 u għalhekk l-attriċi gia' kellha kull opportunita' li tressaq provi fir-rigward u tieħu l-azzjonijiet kawtelatorji kollha għaliha disponibbli."*

"Inoltre din il-Qorti dejjem onorat il-prinċipju illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Għaldaqstant sija l-għamara kif ukoll il-flus appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqgħu jappartjenu lill-istess komunjoni irrispettivament minn min mill-partijiet għandu l-pussess ta' dawn l-oġġetti. Dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ. Ikun x'ikun l-eżitu tar-rikors odjern, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti isiru mas-sentenza finali. Il-Qorti, bis-saħħa tal-preżenti, bl-ebda mod mhi ser taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra **biss** ix-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva.

"Illi inoltre, jekk ir-rikors odjern jiġi akkolt, dan ma jaffettwax id-dritt tal-partijiet illi jressqu l-provi li jixtiequ dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom sal-mument tat-terminazzjoni tagħha. Għalhekk jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi mwaqqfa, il-ġbir tal-provi dwar l-aspett patrimonjali tal-kawża ma jiġix affettwat stante illi mas-sentenza finali l-Qorti tkun teħtieġ illi tillikwida l-istess komunjoni u tassenjaha skont il-liġi bejn il-partijiet.

"Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi: *"Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa` daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi."*[6]

"Rigward id-diffikolta` tal-intimat illi jopera kont bankarju, kif jgħid huwa stess, l-istess diffikolta` temani mill-eżistenza tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu. Illi ladarba huwa jħoss illi l-mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ, għaliex isostni li huwa ssalda l-arretrati tal-manteniment, huwa jista' jressaq ir-rikors appożitu f'dan is-sens, iżda m'huwiex lok li l-mandat jiġi diskuss fl-atti tar-rikors odjern. Illi t-terminazzjoni f'dan l-istadju tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, mhijex ser taffettwa l-eżistenza o meno tal-mandat ta' sekwestru u m'hijiex sejra tagħmilha iktar faċli jew diffiċli għall-intimat li jopera kont bankarju.

"Din il-Qorti dejjem segwiet l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata *supra* Mizzi vs. Mizzi, fejn ġie kkonsidrat li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni. Dan il-prinċipju huwa ferm applikabbli għall-każ odjern fejn jirriżulta illi almenu fil-passat, il-konvenut kien mikdud mill-vizzju tal-

---

[6] Lowell vs. Lowell *supra*

> logħob tal-ażżard. Il-biża li huwa jista' jinkombi lill-komunjoni tal-akkwisti bid-dejn, hija biża ferm iktar reali fil-każ odjern milli f'każi oħrajn.
>
> "In vista ta' dan kollu suespost, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata u f'dan il-każ ma jeżistux l-elementi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. L-ilmenti tal-intimat ma jammontawx għall-"preġudizzju mhux proporzjonat" u għaldaqstant m'humiex tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tar-rikors. Illi għalhekk il-Qorti mhi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigore millum 'il quddiem. Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara f'dan l-istadju l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.
>
> "Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin, mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom."

<u>L-Appell</u>

3. Il-konvenut qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-aggravji segwenti: [1] li hu ser ibati pregudizzju mhux proporzjonat kemm-il darba il-komunjoni tal-akkwisti tigi imwaqqfa f'dan l-istadju tal-provi tal-attrici u [2], li l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq provi prodotti mill-attrici fir-rikors guramentat u mhux fl-atti tar-rikors ghall-waqfien tal-komunjoni, b'hekk il-konvenut ghad ma kellux l-opportunita` li jikkuntrastahom bi provi tieghu.

4. Abbazi tal-premess, il-konvenut appellant qed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-appell tieghu u thassar is-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

5. Minn naha taghha l-attrici appellata qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha, din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni

preliminari taghha dwar in-nullita` tal-appell u "tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant."

Nullita` tal-Appell

6. Fir-risposta taghha l-attrici tissolleva l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell interpost peress li hu irritu u null stante li gie intavolat minghajr il-permess specjali tal-ewwel Qorti kif jirrikjedi l-artikolu 231 [1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili[7]. Din il-Qorti mal-ewwel tghid li din l-eccezzjoni hija vessatorja u fiergha u turi li l-parti ma qratx sew jew kollu d-dispost tal-artikolu 55[2] tal-Kodici Civili li testwalment jaqra hekk:

> "[2] L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu [1] ghandha tinghata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd tappella minghajr ma jkun hemm ebda htiega ta' permess tal-qorti ghal dan."

7. Dan id-dispost ta' ligi jikkostitwixxi eccezzjoni ghal dak li tghid il-ligi procedurali generali fil-*proviso* tal-artikolu 231[1] citat mill-attrici, u ghalhekk dak id-dispost ghandu jipprevali fuq dan l-ahhar artikolu. Kull kumment iehor fir-rigward huwa superfluwu u din l-eccezzjoni qed titqies bhala legalment insostenibbli u ghalhekk qed tigi michuda.

[7] Erroneament indikat minnha bhala "Kap.16" tal-Ligijiet ta' Malta

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

8. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut qed isostni li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proceduri, meta l-attrici ghadha ma ikkonkludietx il-provi taghha, jikkawzalu pregudizzju mhux proporzjonat.

9. Huwa jilmenta minn dak li qalet l-ewwel Qorti, li bhala regola talba ghal waqfien tal-komunjoni ghandha tintlaqa' salv f'dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn jigi ppruvat li l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew ohra. Huwa jilmenta wkoll li mhux korrett dak osservat mill-ewwel Qorti li *"il-pregudizzju mhux proporzjonat, oltre li ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tizvija mir-regola generali u tabbraccja l-eccezzjoni"*[8]

10. Il-konvenut ikompli jissottometti li:

> "….. it-talba ghal waqfien tal-komunjoni … hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola. Illi kieku l-legislatur ried li din it-talba tkun ir-regola u mhux l-eccezzjoni allura kienet tkun tassattiva bil-bidu ta' kull proceduri u mhux fakoltattiva ghall-partijiet u titressaq permezz ta' rikors ad hoc."

[8] Sentenza pagg.6 u 7

11. Din il-Qorti tosserva li, irrispettivament jekk il-waqfien tal-komunjoni wara talba appozita ghandhiex titqies bhala eccezzjoni jew bhala regola, dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra. L-ewwel Qorti dan gharfitu u ghamlet l-analizi relevanti biex waslet ghall-konkluzjoni konsiderata taghha. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija legalment insostenibbli.

12. Il-konvenut jissottometti wkoll li l-pregudizzju li parti issofri u l-gravita' tal-pregudizzju huwa test soggettiv ghal parti li tkun qed issofri l-pregudizzju. Fil-kaz in ezami jirrizulta li, filwaqt li l-attrici fethet il-kawza fis-sena 2015, ghadha ma ghalqitx il-provi taghha. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li, in mankanza ta' raguni valida, perjodu ta' tliet snin sabiex parti taghlaq il-provi taghha huwa twil wisq, pero` mill-banda l-ohra l-konvenut ma jghidx u ma jispjegax kif b'dan il-fatt il-waqfien tal-komunjoni ser jikkagunalu pregudizzju sproporzjonat; multo magis meta kif sostnut minnu tul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet mara tad-dar, filwaqt li l-gid li ghandhom illum huwa frott tal-hidma tieghu biss.

13. Huwa jilmenta li, ghalkemm hu kien deher fuq l-att ta’ bejgh-u-xiri tad-dar matrimonjali, huwa ma’ kellu ebda parti fin-negozjati ghal bejgh ghax ix-xerrejja dejjem innegozjaw biss mal-attrici u l-proprjeta’ inbieghet fuq prezz li l-attrici gabet u li skond hu kien anqas mill-istima tal-agenti ta’ proprjetajiet simili. Din il-Qorti ma tarax kif dan l-ilment jinkwadra fl-allegazzjoni tal-konvenut li bil-waqfien tal-komunjoni huwa ser isofri pregudizzju mhux sproporzjonat.

14. Il-konvenut jilmenta wkoll li l-maggorparti tar-rikavat tal-bejgh gie depozitat il-Qorti principalment fuq mandat ta’ sekwestru maghmul mill-attrici fil-konfront tieghu ghal arretrati ta’ manteniment li skond hu illum thallsu kollha. Din il-Qorti anke fir-rigward ma tarax l-ezistenza ta’ pregudizzju mhux proporzjonat. Wara kollox, ladarba kif qed jghid hu l-arretrati thallsu kollha u ma ghadx hemm lok li l-mandat ta’ sekwestru kontra tieghu jibqa’ fis-sehh, huwa ghandu rimedju procedurali appozitu billi jitlob il-hrug tal-kontro-mandat relattiv.

15. Huwa jkompli jilmenta hekk:

> “….. id-dar matrimonjali inbieghet minghajr effettivament ma kienet [l-attrici] ikkonsultat [mieghu] la dwar il-prezz u lanqas dwar il-kundizzjonijiet tal-bejgh fi zmien meta huwa kien zgumbrat mid-dar matrimonjali; l-ghamara u l-mobbli li kien hemm fid-dar ittiehdu f’dak iz-zmien li [hu] kien zgumbrat mid-dar matrimonjali u ma kellux access ghaliha u kollox kien that il-kontroll totali tal-appellata ….. li kienet diga` hadet il-flus meta kienet qed tippjana li titlaq mid-dar qabel ma ipprezentat il-proceduri tas-separazzjoni.”

16. Anke fir-rigward, din il-Qorti tosserva li il-konvenut ma jghidx kif il-waqfien tal-komunjoni, li ghandu l-effetti legali ghall-futur u mhux ghall-passat, ser jikkagunalu pregudizzju mhux sproporzjonat.

17. Huwa jaghlaq dan l-aggravju tieghu bl-ilment li huwa m'ghandux access ghal flus tal-komunjoni u kull ma hadem ghalih tul iz-zwieg huwa sekwestrat fuq talba tal-attrici u li d-djun l-ohra li kien hemm fiz-zwieg gew imhallsa sal-bejgh tal-proprjeta`.

18. Anke hawn, din il-Qorti ma tarax kif dak li qed jilmenta minnu l-konvenut ghandu relevanza ghall-kwistjoni dwar il-waqfien tal-komunjoni. L-ilment tal-konvenut jikkoncerna dak li diga` sar u mhux dak li ser isir bil-waqfien tal-komunjoni u li jista' jikkagunalu pregudizzju mhux proporzjonat.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

20. Dan hu fis-sens li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hi bazata fuq il-provi imressqa mill-attrici u mhux fuq l-atti tar-rikors ghal waqfien tal-komunjoni.

Jghid li ghalhekk hu ma kellux l-opportunita` li jikkontradici l-provi tal-attrici.

21. Fir-rigward isemmi l-vizzju tal-loghob li jammetti li kellu fil-passat u jghid li

> "… l-appellanti ghall-finijiet tar-rikors ma kellux ghalfejn jinghad li fil-passat kellu problema li [kien] indirizzaha snin ilu. Illi dak li kien relevanti ghall-fini tar-risposta kien li ma hemm ebda dejn….. Irid jinghad li l-bizat li l-appellata allegatament ghandha hija wahda sproporzjonata."

22. Huwa jkompli jghid li "fiz-zmien il-konvivenza matrimonjali l-appellata kienet mara tad-dar u l-assi li l-partijiet akkwistaw tul iz-zwieg taghhom kienu frott tal-hidma [tieghu]. Dan kien l-uniku dhul li l-partijiet kellhom fiz-zwieg u minn dan id-dhul kienu jithallsu l-affarijiet, jithallas regolarment id-dejn fuq id-dar tal-partijiet kif jidher mill-kontijiet bankarji ezebiti kienet l-appellata li tul iz-zwieg kienet tamministra l-beni u principalment l-accounts tal-partijiet anke ghaliex l-appellant ma jafx jikteb u jaqra u kien ihalli f'idejn il-mara biex tiehu hsieb il-finanzi tal-partijiet."

23. Il-konvenut jaghlaq dan l-aggravju tieghu bl-ilment li *"..l-Qorti fi stadju fejn il-kawza ghadha ghaddejja ghamlet gudizzju fuqu u skartat l-allegazzjoni li ghal ksur taz-zwieg kienet responsabbli l-attrici minhabba l-adulterju li jaffettwa l-aspett ta' dekadenza… [filwaqt] li l-esponent ghadu ma bediex iressaq provi tieghu inkluz fuq tortijiet attribwibbli lill-attrici."*

24. Fir-rigward tal-ilment tieghu li l-ewwel Qorti ma strahitx biss fuq l-atti tar-rikors tal-waqfien tal-komunjoni izda ezaminat ukoll il-provi dokumentali [statements tal-bank] li kienu tressqu mill-attrici, din il-Qorti tosserva li l-fatt li dik il-Qorti hassitha fid-dover li tezamina wkoll il-provi tal-attrici fir-rigward tal-allegazzjoni taghha ma kien ta' ebda pregudizzju ghall-konvenut, ghax minn ezami tal-atti tar-rikors tal-waqfien hemm bizzejjed elementi sabiex l-ewwel Qorti setghet tasal ghad-decizjoni li temmen lill-attrici fuq il-vizzju tal-loghob. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li, filwaqt li fir-rikors l-attrici tghid car u tond li *"il-konvenut ghandu*[9] *l-vizzju tal-loghob tal-azzard kif anke jirrizulta mill-istatements tal-bank tant li huwa kien anke jattendi ghal sessjonijiet mal-Appogg u kien isegwih il-haddiem socjali Reuben Vella …. Konsegwentement qed tibza' li l-konvenut jaghmel xi dejn f' isimha."* fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-attici l-konvenut ma cahadx dik l-allegazzjoni gravi maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu; mhux talli hekk imma jirrizulta manifestament lampanti accenn ghal dan il-vizzju allegat mill-attrici.

25. Fir-rigward tal-kumplament tal-aggravju, din il-Qorti tosserva li l-ilmenti tal-konvenut jezorbitaw mill-vertenza in dizamina. M'hemm xejn f'dak sottomess minnu li jsostni t-tezi tieghu li l-waqfien tal-komunjoni ser jikkagunalu pregudizzju mhux proporzjonat. Jigi ribadit li l-ezami ta' din

---

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti

il-vertenza tirrigwarda dak li ser jigri fil-futur u mhux dak li diga` sar, u ghalhekk huwa irrelevanti li l-attrici jista’ jkollha htija, in toto jew in parte, ghas-separazzjoni; huwa irrelevanti li fiz-zmien tal-konvivenza kienet l-attrici li tamministra l-fondi tal-komunjoni, daqs kemm huwa irrelevanti wkoll dak sostnut mill-konvenut li l-komunjoni tikkonsisti f’ beni akkwistati bil-hidma tieghu biss waqt il-konvivenza; huwa wkoll irrelevanti li d-dar matrimonjali inbieghet bi prezz li ma qabilx mieghu l-konvenut, ghalkemm ghandu jinghad li skond l-attrici dan il-bejgh kien sar biex jithallas id-dejn mal-bank u b’hekk gie evitat il-bejgh b’subbasta.

26. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma fl-intier taghha is-sentenza appellata; bl-ispejjez ta’ dan l-appell jkunu a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr